



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, XXX
[...] (2011) XXX abbozz

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Executive Summary of the Impact Assessment

li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSAL FOR A REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF
THE COUNCIL**

establishing the European Border Surveillance System (EUROSUR)

**MT
MT**

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt kien preparat mid-DĠ HOME biex jakkumpanja l-proposta leġislattiva dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR).

EUROSUR tista' tkun deskritta bħala sett ta' miżuri li jtejbu l-koperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntieri fuq livell nazzjonali u Ewropew kif ukoll meta dawn ikunu qed jikkoperaw ma' pajjiżi terzi tal-viċinat, bir-riżultat li l-konozzenza dwar is-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet tiżdied konsiderevolment meta jkunu qed jiġġieldu kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transkonfinali. Għalhekk, EUROSUR għandha tkun ikkunsidrata fil-kuntest tal-istabbiliment progressiv tal-mudell Ewropew tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri.

Ix-xogħlijiet li saru bejn l-2008 u l-2011 għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-istabbiliment gradwali ta' EUROSUR huma bbażati fuq pjan direzzjonali ppreżentat f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2008¹. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2011 il-Kunsill Ewropew stqarr li EUROSUR "ser tiġi żviluppata aktar bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex issir operazzjonali sal-2013 u tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri biex jikkondividu informazzjoni operazzjonali u jtejbu l-kooperazzjoni."

2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

2.1. Problemi ġenerali ffaċċjati fis-sorveljanza fuq il-fruntieri

Migrazzjoni irregolari

L-UE tiffaċċja pressjoni konsiderevoli mill-migrazzjoni irregolari fuq il-konfini esterni tagħha. Matul l-ewwel sitt xhur tal-2011, inqas 74 300 qsim mhux awtorizzati minn fuq il-konfini, li minnhom 96% saru fuq il-konfini esterni ta' Spanja, Malta, l-Italja u l-Greċja. Minkejja l-isforzi ta' kordinazzjoni tal-Frontex, l-awtoritajiet tal-kontroll konfinali tal-Istati Membri ta' spiss jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaqblu fuq approċċ komuni u ġeneralment ikunu jeħtieġu ammont ta' ħin konsiderevoli biex isibu rispons operazzjonali xieraq.

Telf tal-ħajjiet ta' migranti fil-baħar

L-użu ta' dgħajjes żgħar li ma jkunux tajbin għat-tbaħħir żied drammatikalment in-numru ta' migranti u refuġjati li jegħrqu fl-Oċean Atlantiku bejn l-Afrika u l-Gżejjer Kanarji u fil-Baħar Mediterran. Dan l-għadd traġiku ta' mwiet irid ikun imnaqqas b'mod sinifikanti.

Kriminalità transkonfinali:

Netwerks kriminali involuti fil-kuntrabandu tal-migranti ta' spiss qed jużaw l-istess rotot u metodi għall-attivitajiet kriminali transkonfinali, bħat-traffikar tan-nies u d-drogi. Koperazzjoni mtejbja bejn l-aġenziji tal-kontroll konfinali u l-awtoritajiet tal-pulizija għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tkun miġġielda tali kriminalità serja fuq il-konfini esterni.

¹ COM(2008) 68 finali tat-13.2.2008 ('Pjan direzzjonali EUROSUR')

2.2. Problemi speċifiċi ffaċċjati fis-sorveljanza fuq il-konfini

Hemm numru ta' raġunijiet għaliex netwerks kriminali huma ta' spiss iktar rapidi u iktar flessibbli biex ibiddlu r-rotot u l-metodi tagħhom għall-migrazzjoni irregolari u għall-kriminalità transkonfinali milli huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jirreaġixxu għall-bidliet fis-sitwazzjonijiet.

Koperazzjoni insuffiċjenti bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali

F'ċerti Stati Membri, hemm sa sitt awtoritajiet differenti li huma involuti direttament fis-sorveljanza tal-konfini marittimi. Waqt li xi Stati Membri stabbilew sistema nazzjonali waħdanija ta' sorveljanza, fi Stati Membri oħra awtoritajiet differenti waqfqu sistemi paralleli, mingħajr regoli ċari u tqassim ċar tax-xogħol għall-koperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejniethom.

Skambju insuffiċjenti ta' informazzjoni fost l-Istati Membri

Fil-qasam tas-sorveljanza konfinali hemm mhux biss nuqqas ta' kordinazzjoni f'xi Stati Membri nfushom, iżda wkoll bejn l-Istati Membri, minħabba nuqqas ta' proċeduri, netwerks jew mezzi ta' komunikazzjoni xierqa biex tkun skambjata l-informazzjoni.

Koperazzjoni insuffiċjenti ma' pajjiżi terzi tal-viċinat

Il-persjoni tal-migrazzjoni tikkawża sfidi konsiderevoli anki għall-pajjiżi terzi li jinsabu fuq il-kosta tan-naħa t'isfel tal-Baħar Mediterran. Huwa għalhekk neċessarju li jkun hemm koperazzjoni iktar mill-qrib mal-pajjiżi oriġinarji u l-pajjiżi ta' embarkazzjoni tal-migranti irregolari.

Konnoxxenza insuffiċjenti tas-sitwazzjoni fid-dominju marittimu

Il-fatt li t-traffikanti preżentament qed jużaw dgħajjes żgħar tal-injam u tal-filamenti tal-ħġieġ għall-kuntrabandu tal-migranti irregolari u tad-drogi illeċiti jimponi sfida maġġuri għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minħabba li l-iskoperta, l-identifikazzjoni u l-intraċċar ta' tali dgħajjes żgħar hija estremament diffiċli fil-baħar miftuħ.

2.3 Xenarju ta' referenza għall-proposta leġislattiva ta' EUROSUR

Il-proġett EUROSUR ilu għaddej mill-2008. Diġà sar progress sinifikanti u dan l-iżvilupp mistenni jkompli.

3. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

3.1. Id-dritt tal-UE li taġixxi

Il-proposta leġislattiva tal-EUROSUR tkun ibbażata fuq l-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen.

3.5. Sussidjarjetà

F'konformità mal-*prinċipju tas-sussidjarjetà*, EUROSUR issegwi approċċ diċentralizzat, biċ-ċentri nazzjonali ta' kordinazzjoni li jiffurmaw is-sinsla tal-koperazzjoni EUROSUR. L-intenzjoni hi li jsir l-aħjar użu mis-sistemi eżistenti kif ukoll mill-iżviluppi teknoloġiċi riċenti.

4. OBJETTIVI

4.1. Objettivi ġenerali

Billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni u koperazzjoni EUROSUR

- 1) Tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-flussi migratorji billi tnaqqas l-għadd ta' migranti irregolari li jidħlu fiż-żona Schengen mingħajr ma jkunu skopruti;
- 2) Tipproteġi u ssalva l-ħajjiet fuq il-konfini esterni billi tnaqqas konsiderevolment l-għadd inaċċettabbli ta' mwiet ta' migranti fil-baħar;
- 3) Iżżid is-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea billi tipprevjeni kriminalità serja fuq il-konfini esterni taż-żona Schengen;

4.2. Objettivi speċifiċi u operazzjonali

Sabiex tilħaq l-objettivi ġenerali, EUROSUR iżżid il-*konoxxenza tas-sitwazzjoni* u l-*kapaċità ta' reazzjoni* tal-awtoritajiet ta' kontroll konfinali tal-Istati Membri u tal-Frontex.

1) *Konoxxenza tas-sitwazzjoni:*

- a. Koperazzjoni mtejba bejn l-aġenziji billi jkunu simplifikati l-istrutturi u jinħolqu rabtiet bejn is-sistemi fid-dominju tal-infurzar tal-liġi;
- b. L-użu tal-fużjoni tad-dejta flimkien ma' kapaċitajiet teknoloġiċi moderni għall-iskoperta u l-intraċċar b'mod partikolari ta' bastimenti żgħar;
- c. Skambju transsettorjali ta' informazzjoni ma' atturi oħra fid-dominju marittimu, bħat-trasport, id-dwana, il-kontroll tas-sajd u d-difiża;
- d. Skambju tal-infomazzjoni mtejjeb mal-pajjiżi terzi tal-viċinat.

2) *Kapaċità ta' reazzjoni:*

- a. Skambju ta' dejta, informazzjoni u intelligence, biex b'hekk nersqu lejn approċċ xprunat iktar mill- intelligence u bbażat fuq l-analiżi tar-riskju;
- b. Ġestjoni effikaċi tal-persunal u tar-riżorsi;
- c. Tkejjil tal-effett, li jevalwa l-effett tal-attivitajiet ta' sorveljanza konfinali.

5. OPZJONIJIET TA' POLITIKA

Il-mistoqsijiet li għandhom ikunu mwiegħa f'din il-valutazzjoni tal-impatt huma *kif* il-komponenti differenti ta' EUROSUR għandhom ikunu implimentati. Għal dan il-għan, kienu identifikati t-tliet opzjonijiet li ġejjin, li jimxu b'**approċċ**:

- kompletament **diċentralizzat** (opzjoni ta' politika 1),
- parzjalment **ċentralizzat** (opzjoni ta' politika 2) u
- kompletament **ċentralizzat** (opzjoni ta' politika 3).
-

Partikolarment, għandu jkun ivvalutat liema responsabbiltajiet ikunu jistgħu jingħataw liċ-*ċentri nazzjonali ta' kordinazzjoni (national coordination centres(NCCs))*, bħal:

- *Il-kordinazzjoni* tas-sorveljanza tal-konfini tal-art u ta' dawġ marittimi (**Opzjoni ta' Politika 1.1**);
- *Il-kompetenzi ta' kmand u kontroll* għas-sorveljanza tal-konfini tal-art u ta' dawġ marittimi (**Opzjoni ta' Politika 1.2**);

- *Il-kompetenzi ta' kmand u kontroll għall-kontroll konfinali*² (**Opzjoni ta' Politika 1.3**).
-

L-opzjonijiet differenti ta' politika għat-twaqqif tan-**netwerk EUROSUR** jikkunsidaw jekk l-NCCs u l-Frontex jużawhiex:

- Għall-iskambju ta' *informazzjoni diċentralizzata u mhux konfidenzjali* (**Opzjoni ta' Politika 2.1**);
- Għall-iskambju ta' *informazzjoni diċentralizzata u konfidenzjali* (**Opzjoni ta' Politika 2.2**);
- Għall-iskambju ta' *informazzjoni ċentralizzata u konfidenzjali* (**Opzjoni ta' Politika 2.3**).
-

L-Opzjoni ta' Politika 2.2 tivvaluta wkoll l-impatt tal-kostijiet biex ikunu inklużi l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kriminalità transkonfinali u għall-provvediment ta' Stampa ta' Intelligence Prefrontiera Komuni (Common Pre-frontier Intelligence Picture (CPIP)).

Barra minn hekk, jiġi vvalutat jekk l-informazzjoni bejn **in-netwerk EUROSUR u l-pajjiżi terzi tal-viċinat** tistax tkun skambjata permezz

- *taċ-ċentri nazzjonali ta' kordinazzjoni*, li jservu bħala 'fus' *għan-netwerks reġjonali u għall-iskambju bilaterali ta' informazzjoni* ma' pajjiżi terzi tal-viċinat (**Opzjoni ta' Politika 3.1**);
- *taċ-ċentri nazzjonali ta' kordinazzjoni*, li jservu bħala 'fus' *għan-netwerks reġjonali* ma' pajjiżi terzi tal-viċinat, b'netwerk reġjonali ġdid li għandu jitwaqqaf fir-reġjun tal-Mediterran (**Opzjoni ta' Politika 3.2**);
- *tal-Frontex* biss (**Opzjoni ta' Politika 3.3**).
-

Fl-aħħar nett, huwa mpoġġi taħt skrutinju jekk is-servizz **tal-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza fil-livell tal-UE** għandux ikun provdut minn

- Fornituri esterni tas-servizzi lil kull NCC ikkonċernat direttament (**Opzjoni ta' Politika 4.1**);
- Frontex flimkien ma' EUSC,³ EMSA⁴ u GMES⁵ (**Opzjoni ta' Politika 4.2**);
- Frontex biss (**Opzjoni ta' Politika 4.3**).

6. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Kull subopzjoni fl-opzjonijiet ta' politika hija eżaminata b'mod analitiku skont il-kriterji segwenti:

1. Effikaċja: Il-punt sa fejn il-proposta tista' tkun mistennija tilħaq l-oġġettivi ġenerali, speċifiċi u operazzjonali.

2. Konsistenza: Il-punt sa fejn l-oġġettivi huma konsistenti mal-approċċ ġenerali EUROSUR, politiki u attivitajiet oħra tal-UE, inkluż l-aċċettazzjoni mill-Istati Membri.

² Is-sorveljanza tal-konfini tal-art, ta' dawk marittimi u ta' dawk tal-ajru, u l-kontrolli konfinali fuq il-punti fejn jinqasmu l-konfini.

³ Ċentru Satellitari tal-UE

⁴ Aġenzija Ewropea tas-Sigurta Marittima

⁵ Programm tal-UE għas- Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà.

3. Kostijiet: Il-punt sa fejn l-objettivi ġenerali ta' politika jistgħu jkunu arkivjati għal-livell partikolari ta' riżorsi/bl-inqas kost (kost-effikaċja).

4. L-impatt fuq id-**drittijiet fundamentali**, partikolarment fuq il-protezzjoni tad-dejta personali.

6.1. Subopzjonijiet 1.1 sa 1.3 għaċ-ċentri nazzjonali ta' kordinazzjoni

6.1.1. Effikaċja

Fil-kunsiderazzjoni tal-multitudni ta' awtoritajiet nazzjonali involuti fis-sorveljanza tal-konfini marittimi, il-limitazzjoni tar-rwol tal-NCC għal funzjonijiet ta' *kordinazzjoni* - kif maħsub fl-Opzjoni 1.1 - tkun aċċettata iktar faċilment mill-awtoritajiet li jkunu qed jikkompetu. L-għoti ta' funzjonijiet ta' *kontroll u kmand* lil NCCs kollha – kif maħsub skont l-Opzjoni 1.2 – jippermetti rispons iktar rapidu għal theddida identifikata. L-inklużjoni tas-sorveljanza tal-konfini mill-ajru u l-kontrolli fuq il-konfini kif propost fl-Opzjoni 1.3 jkollha l-vantaġġ li tagħti lil NCC *konnoxxenza* aħjar *tas-sitwazzjoni* għall-aspetti kollha tal-kontroll konfinali.

6.1.2. Konsistenza

L-Opzjoni 1.1 hija totalment konsistenti mal-approċċ ġenerali tal-EUROSUR, li għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' koperazzjoni għall-awtoritajiet kollha involuti fis-sorveljanza tal-konfini. L-għoti ta' funzjonijiet ta' kmand u kontroll lil NCCs kif previst fl-Opzjonijiet 1.2 u 1.3 jista' jfjixkel dan il-għan.

6.1.3. Kostijiet

Il-kostijiet finanzjarji meħtieġa fl-2011-2020 għat-twaqqif, l-aġġornament u l-manteniment tal-NCCs u taċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni Frontex huma stmati li jammontaw għal EUR 195,2 miljun għall-opzjoni 1.1, EUR 401,4 miljun għall-opzjoni 1.2 u EUR 747,3 miljun għall-opzjoni 1.3.

6.1.4. Drittijiet fundamentali

Il-mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni u għall-koperazzjonikif previst skont EUROSUR ma jinvolvi l-immaniġġar ta' dejta personali. Minħabba li jista' jkun diffiċli li jkun garantit li jkun kompletament eskluż kwalunkwe maniġġar tad-dejta personali, irid ikun żgurat li l-ipproċessar tad-dejta personali jkun adegwat, relevanti u mhux eċċessiv fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tkun qed tinġabar u tkun ipproċessata tali dejta.

6.2. Is-subopzjonijiet 2.1 sa 2.3 għan-netwerk EUROSUR

6.2.1. Effikaċja

Il-limitazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni mhux konfidenzjali fl-Opzjoni 2.1 teskludi l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-kriminalità transkonfinali, li hija ġeneralment meqjusa bħala informazzjoni sensitiva. Il-kriptaġġ tal-fluss tad-dejta skont l-Opzjoni 2.2 jippermetti lill-Istati Membri jikkondividu tali informazzjoni sensitiva, li huwa wkoll prekondizzjoni għall-iskambju tal-intelligence fl-Istampa ta' Intelligence Prefruntiera Komuni (CPIP). Sistema ċentralizzata – kif prevista skont l-Opzjoni 2.3 – tippermetti kontroll aħjar tal-fluss tad-dejta.

6.2.2. *Konsistenza*

L-iżvantaġġ tal-Opzjoni 2.3 huwa n-nuqqas ta' konsistenza. EUROSUR jimxi b'approċċ ta' *federazzjoni ta' sistemi* diċentralizzati. Barra minn hekk, bosta Stati Membri għandhom diffikultajiet biex jaçcettaw li jaħżnu l-informazzjoni ċentralment fuq sistema li ma jimmanigġjawx huma stess.

6.2.3. *Kostijiet*

Il-kostijiet *finanzjarji* fl-2011-2020 għan-netwerk EUROSUR skont l-Opzjoni 2.1 huma stmati li jammontaw għal EUR 42 miljun, li jiżdiedu għal EUR 46 miljun għall-Opzjoni 2.2 u għal EUR 49 miljun għall-Opzjoni 2.3. Il-kostijiet għas-saff analitiku tas-CPIP, kif inkluż taħt l-Opzjonijiet 2.2 u 2.3, jammontaw għal EUR 29 miljun.

6.2.4. *Drittijiet fundamentali*

L-immaniġġar tad-dejta personali skont l-Opzjoni 2.1 huwa eskluż, minħabba li n-netwerk mhix konfidenzjali. Il-proccess ta' akkreditazzjoni ta' netwerks protetti, kif maħsub skont l-Opzjonijiet 2.2 u 2.3, jiżgura li l-procceduri ma jkunux fis-seħħ biss għall-immaniġġar ta' dejta sensitiva fir-rigward tas-sigurtà, iżda għad-dejta sensitiva inġenerali, bħall-immaniġġar tad-dejta personali.

6.3. Is-subopzjonijiet 3.1 sa 3.3 għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi

6.3.1. *Effikaçja*

L-Opzjoni 3.1 twassal għal titjib tal-konoxxenza tas-sitwazzjoni fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar l-Iswed u fl-Oçean Atlantiku madwar il-Gżejjer Kanarji, għaliex it-tliet netwerks reġjonali eżistenti SEAHORSE, CoastNet u BSCF jitqabdu man-netwerk EUROSUR, bl-NCC jservi bħala 'fus' għall-iskambju ta' informazzjoni.

L-Opzjoni 3.2 hija dik preferuta, għax tagħti l-kapaçità neċċessarja għal EUROSUR biex tikkopera mal-pajjiżi terzi fir-reġjun tal-Mediterran.

Skont l-Opzjoni 3.3 Frontex ikollha tinnegozja mill-ġdid il-ftehimiet kollha diġà konklużi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi skont in-netwerks reġjonali msemmija hawn fuq.

6.3.2. *Konsistenza*

L-Opzjonijiet 3.1 u 3.2 fil-biçca l-kbira tagħhom jibnu fuq kapaçitajiet eżistenti, li jippermettu lill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jikkunsidraw il-prijoritajiet u l-ispeçifitàjiet reġjonali. L-Opzjoni 3.3 mhix konformi mal-approċċ EUROSUR li jagħmel l-aħjar li jista' mill-infrastrutturi u s-sistemi eżistenti.

6.3.3. *Kostijiet*

Ma hemm l-ebda kost relatat mal-Opzjoni 3.1, għaliex konnessjoni mit-tliet netwerks reġjonali għall-NCCs rispettivi tagħhom kienet stabbilita qabel tmiem l-2011. Rigward l-Opzjoni 3.2, il-kostijiet għall-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' SEAHORSE Mediterraneo fl-2011-2020 huma stmati li jammontaw għal EUR 5,37 miljun. Fir-rigward tal-Opzjoni 3.3, il-kostijiet għas-sostituzzjoni tat-tliet netwerks reġjonali min-netwerk EUROSUR huma ta' madwar EUR 25,29 miljun.

6.3.4. *Drittijiet fundamentali*

Il-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex tkun prevenuta l-migrazzjoni irregolari jista' jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali jekk il-pajjiżi terzi juża' tali

informazzjoni biex jidentifika persuni jew gruppi ta' persuni li jistgħu jkunu soġġetti għal tortura, jew għal trattament inuman u degradanti. Din il-proposta leġiżlattiva fuq EUROSUR trid għalhekk ttiprovdi s-salvagwardji xierqa sabiex tipprevjeni sitwazzjonijiet bħal dawn.

6.4. Is-subopzjonijiet 4.1 sa 4.3 għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza

6.4.1. Effikaċja

L-Opzjoni 4.1 tipprevedi li l-Istati Membri jużaw kapaċitajiet individwali eżistenti stabbiliti miċ-Ċentru Satellitari tal-UE (EUSC) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA). L-Opzjoni 4.2 tkun iktar effiċjenti mill-Opzjoni 4.1, għax Frontex tikkordina t-talbiet li jiġu miċ-ċentri nazzjonali ta' kordinazzjoni. Fl-Opzjoni 4.3 Frontex tistabilixxi tali servizzi weħedha, u jkun diffiċli biex dan iseħħ fuq medda medja ta' żmien.

6.4.2. Konsistenza

L-Opzjoni 4.2 tkun iktar konsistenti mal-objettiv tal-promozzjoni tal-koperazzjoni bejn l-aġenziji mill-Opzjonijiet 4.1 u 4.3. Minħabba l-approċċ b'għanijiet multipli u transettorjali, l-iffinanzjar tal-UE pprovdut mill-programm GMES għal servizzi bħal dawn jista' jkun iġġustifikat.

6.4.3. Kostijiet

Il-kostijiet totali fl-2012-2020 għall-Opzjoni 4.1 huma stmati għal EUR 80 miljun, b'ammonti kważi simili għall-Opzjoni 4.2 (EUR 62,1 miljun) u għall-Opzjoni 4.3 (EUR 62,3 miljun).

6.4.4. Drittijiet fundamentali

L-opzjoni 4.1 ikollha l-iżvantaġġ li jistgħu ma jkunux stabbiliti oqfsa legali biex jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jimmonitorjaw l-attivitajiet f'pajjiżi terzi u jaħżnu l-informazzjoni f'konformità mal-liġijiet għall-protezzjoni tad-dejta.

7. TQABBIL TAL-OPZJONIJIET U IDENTIFIKAZZJONI TAL-OPZJONI POLITIKA PREFERUTA

F'konformità mal-valutazzjoni fit-taqsimha 6, l-opzjonijiet segwenti jkunu dawk preferuti:

Fir-rigward tal-istabbiliment tal-NCCs, l-Opzjoni 1.1 hija dik preferuta, għax ma titlobx li l-Istati Membri jirristrukturaw l-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom, u għalhekk tista' tkun implimentata faċilment.

Wara l-approċċ diċentralizzat għat-twaqqif ta' EUROSUR, l-opzjoni politika preferuta għan-netwerk EUROSUR hija l-Opzjoni 2.2.

Meta wieħed jikkunsidra l-bżonn urġenti għat-tijib tal-kontroll konfinali fir-reġjun tal-Mediterran, l-Opzjoni 3.2 tipprovdi l-aħjar risposta dwar kif għandha tkun promossa l-koperazzjoni mal-pajjiżi terzi ġirien. Madanakollu, ir-rieda tal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq li jikkoperaw hija prekondizzjoni għall-implimentazzjoni tal-Opzjoni 3.2.

Għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza, l-Opzjoni 4.2 hija dik li tipprovdi l-iktar valur miżjud.

Kostijiet, responsabbiltà u sorsi tal-finanzjament għall-opzjoni preferuta

Pass	Komponent	OP x.1	OP x.2	OP x.3	L-opzjoni preferuta	
		Approċċ diċentralizzat	Approċċ parzjalment ċentralizzat	Approċċ ċentralizzat	Li għandu jitwaqqaf minn	Finanzjament permezz ta'
1	NCCs	EUR 99,6 miljun	EUR 271,6 miljun	EUR 610 miljun	L-Istati Membri	EBF
1	FSC	EUR 95,6 miljun	EUR 129,8 miljun	EUR 137 miljun	Frontex	Frontex
2, 7	Netwerk	EUR 42,4 miljun	EUR 46,7 miljun	EUR 49,3 miljun	Frontex	Frontex
6	CPIP (RAU)	€ 0,0	EUR 29,3 miljun	EUR 29,2 miljun	Frontex	Frontex
3	Pajjiżi terzi	€ 0,0	EUR 5,4 miljun	EUR 25,3 miljun	L-Istati Membri	DCI, EBF
5	L-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza	EUR 80,5 miljun	EUR 62,1 miljun	EUR 62,3 miljun	Frontex EUSC EMSA	Frontex u FP7/ GMES
Total		EUR 318,1 miljun	EUR 544,9 miljun	EUR 913 miljun		
Opzjoni Preferuta		EUR 338,7 miljun				

Bl-ikkumbinar tal-opzjonijiet preferuti, il-kostijiet ta' EUROSUR jammontaw għal EUR 338,7 miljun.

8. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Frontex għandha tiżgura li jkunu jeżistu metodi għall-monitoraġġ tal-funzjonament ta' EUROSUR fl-isfond tal-oġġettivi politiċi ewlenin. Sentejn wara li EUROSUR tkun operazzjonali kompletament, u minn hemm 'il quddiem kull sena, Frontex tippreżenta rapport dwar il-funzjonament ta' EUROSUR lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, tliet snin wara li s-sistema EUROSUR tkun bdiet l-operazzjonijiet kollha tagħha u minn hemm 'il quddiem kull erba' snin, il-Kummissjoni tipproduċi evalwazzjoni ġenerali ta' EUROSUR, akkumpanjata, fejn meħtieġ, minn proposti xierqa biex ikun emdat ir-Regolament li jstabbilixxi lil EUROSUR.